# XENQAT GHAL WIED IL-GHASRI

*Ta'* V.J. Galea

Meta nkun nirgħa max-xtajtiet imżewqa
taż-Żewwieqa
u ngħarrex għall-qarnit imberraq,
waħam jaqbadni
biex interraq
lejn il-minżel
ta' Wied il-Għasri.

Meta fil-plajja mrammla
tar-Ramla
mill-irmiel moħmija naħrab
għal taħt il-bruk imwerraq,
waħam jaqbadni
biex interraq
lejn il-minżel
ta' Wied il-Għasri.

Meta fuq ix-xtajta mċagħka
ta' Marsalforn
niekol inkun il-ħawħ immerraq,
waħam jaqbadni
biex interraq
lejn il-minżel
ta' Wied il-Għasri.

Ja Wied,
min bi ħlewwitek
ikun iddewwaq
jibqa' jixxewwaq
sa ma jitfejjaq
meta biħom
jerġa' jitrejjaq.